**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 19 ta' Jannar 2021

Rikors Numru: 134/19 AL

**A B C u b'digriet tat-30 ta' Novembru A D B C**

**vs**

**E F G B**

**(MR Numru 567/2011)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:

1. *Illi l-kontendenti partijiet zzewwgu nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) – certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dokument A.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti partijiet kellhom tifel bl-isem ta' H B C, li llum ghandu tlett (3) snin u ghaldaqstant ghadu minorenni, u dan hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu anness u mmarkat bhala Dokument B.*

3. *Illi dan iz-zwieg tfarrak irrimedjabbilment minhabba ragunijiet serji unikament imputabbli lill-intimat, konsistenti f'eccessi, sevizji, theddid u ingurji gravi kif ukoll inkompatibilita` ta' karattru u ragunijiet ohra ammissibbli fil-ligi ghall-otteniment ta' separazzjoni personali.*

4. *Illi l-fazi ta' medjazzjoni ma waslet ghal ebda ezitu pozittiv u ghalhekk ir-rikorrenti talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tipprocedi b'din il-kawza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali, u dan hekk kif jirrizulta mid-dokument anness u mmarkat bhala Dokument C.*

5. *Illi ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti partijiet minhabba sevizji, eccessi, theddid u ingurji gravi, li l-intimat ikkommetta kontra martu r-rikorrenti, u kif ukoll minhabba l-inkompatibilita` ta' karattru;*

2. *Tafda lir-rikorrenti bil-kura u kustodja <u>esklussiva</u> tal-minuri H B;*

3. *Tillikwida manteniment favur il-minuri H B u tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas ghal minuri dik ir-retta alimentarja dovuta skont il-ligi, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz il-provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, li ghandha tigi ffissata minn din l-Onorabbli Qorti;*

4. *Tordna lill-intimat ihallas tali manteniment hekk kif likwidat kull erba' gimghat f'kont bankarju indikat mir-rikorrenti;*

5. *Tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti nofs l-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni u dawk relatati mal-attivitajiet extra-kurrikulari tal-wild minuri;*

6. *Tordna li c-children's allowance u kwalunkwe beneficcju li jista' jigi percepit minn genituri jinghata esklussivament lir-rikorrenti;*

7. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tibda tippercepixxi tali manteniment direttament mill-paga tal-intimat jew minn xi dipartiment jew awtorita` li minghandu jkun qed jircievi xi forma ta' introjtu u / jew beneficcju;*

8. *Tordna li decizjonijiet relatati mas-sahha, edukazzjoni, passaport u safar tal-minuri jittiehdu esklussivament mir-rikorrenti;*

9. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex b'mod esklussiv u minghajr ebda forma ta' kunsens, awtorizazzjoni jew firma da parti tal-intimat, tiffirma u tapplika ghall-hrug ta' passaport ghall-minuri;*

10. *Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex isiefer barra minn Malta flimkien mal-minuri jew tawtorizza lill-minuri jsiefer barra minn Malta minghajr ebda forma ta' kunsens, awtorizazzjoni jew firma da parti tal-intimat;*

11. *Tiddikjara li l-istess minuri ghandu jghix esklussivament mar-rikorrenti ommu;*

12. *Tordna li kwalunkwe access favur l-intimat isir biss taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg jew xi agenzija ohra jew social worker appuntata minn dina l-Onorabbli Qorti ghal dan il-ghan;*

13. *Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat iddekada mid-dritt tieghu ghall-manteniment;*

14. *Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimat l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

15. *Tiddikjara terminata u xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida kull kreditu li r-rikorrenti ghandha kemm versu l-komunjoni tal-akkwisti u kif ukoll versu l-intimat; tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni li ghandhom jinkludu wkoll kull gid/dejn iehor komuni, u assenjati lill-partijiet, u billi wkoll tigi stabbilita data li minn dakinhar l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-eccipjenti, u dana kollu okkorrendo bl-opera ta' perit nominand, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lir-rikorrenti fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

16. *Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti ghaliha dik ir-retta alimentarja dovuta skont il-ligi, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-*

*pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja u ordni ghall-hlas dirett mid-dhul tal-intimat u dan skont dawk il-modalitajiet li ghandhom jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti;*

17. *Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lir-rikorrenti l-beni u l-krediti parafernali u dotali taghha, inkluzi flus u krediti ohra, u fin-nuqqas, tikkundanna lill-istess intimat ihallas il-valur tal-istess, bl-opra, occorrendo, ta' periti nominandi sabiex jeffettwaw il-kalkoli necessarji f'dan ir-rigward; tordna konsegwentement li r-rikorrenti tigi moghtija l-piena amministrazzjoni tal-beni dotali u parafernali taghha;*

18. *Tillikwida kull kreditu dovut favur ir-rikorrenti u tordna lill-intimat sabiex ihallas tali kreditu hekk likwidat fi zmien perentorju li tistabbilixxi dina l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat li qieghed jigi minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat illi l-konvenut debitament notifikat bir-rikors ġuramentat u l-avviz tas-smigħ nhar is-17 ta' Frar 2020,[1] ma weġibx permezz ta' risposta ġuramentata entro t-terminu ta' għoxrin (20) jum ai termini tal-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant fl-udjenza ta' nhar it-13 ta' Ottubru 2020, l-konvenut ġie ddikjarat kontumaċi f'dawn il-proċeduri;[2]

Rat id-dokumenti kollha prezentati u kif ukoll l-affidavit tar-rikorrenti bid-dokumenti annessi miegħu;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat il-verbal tal-udjenza ta' nhar it-13 ta' Ottubru 2020 fejn il-Qorti awtorizzat lill-attriċi sabiex tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet, liema fakolta' ingħatat ukoll lil konvenut kontumaċi u dan abbazi tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

[1] Fol. 31.

[2] Fol. 35.

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għal-lum;

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li E F G B ħati għat-tifrik taz-zwieġ tal-partijiet u dan għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taz-zwieġ;
2. Tapplika kontra l-konvenut d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, inkluz li l-konvenut ddekada mid-dritt tiegħu għall-manteniment minn għand l-attriċi;
3. Tiddeċiedi dwar il-kura, l-kustodja, aċċess u l-manteniment għall-minuri H B C;
4. Tiddeċiedi dwar il-manteniment għar-rikorrenti nnifisha;
5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, filwaqt li tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;
6. Tillikwida u tassenja l-assi parafernali tal-attriċi.

2. **Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taz-Zwieġ:**

*<u>Il-Verzjoni tal-Attriċi u l-Allegati Tortijiet tal-Konvenut</u>*

Fl-affidavit tagħha, l-attriċi tispjega li saret taf lil konvenut fuq l-internet, fejn wara ftit xhur ta' *chatting* iltaqgħu. Ġie spjegat li l-konvenut ġie Malta

bħala student u kien joqgħod il-Gzira, fejn ma kellux ikel, ħwejjeġ u lanqas *working permit*. Dak iz-zmien partikolari l-attriċi kienet taħdem bħala *security*, u minħabba li kienet bdiet titħassar lil konvenut stante s-sitwazzjoni li kien jinsab fiha, din bdiet tieħu ħsiebu. Il-partijiet ma damux ma zzewġu, liema ċelebrazzjoni saret nhar is-27 ta' Mejju 2011. Wara z-zwieġ, il-partijiet għamlu bejn ġimgħa jew tnejn jgħixu separatament minn xulxin sakemm sabu post fejn setgħu jgħammru flimkien. Fil-fatt wara ftit jiem miz-zwieġ, il-partijiet marru jgħixu bħala koppja mizzewġa ġewwa Ħal-Lija u minn hemm bdew il-problemi ta' bejniethom.

L-attriċi tirrileva illi l-problemi ta' bejniethom kienu jirrigwardaw il-fatt li: (i) l-konvenut ma jgħinx fid-dar u jekk jgħin kien jispiċċa jivvendika ruħu, (ii) l-konvenut kien aggressiv u vjolenti fil-konfront tal-attriċi u kif ukoll mat-tifel tal-attriċi li kellha minn relazzjoni preċedenti, (iii) l-ispejjez tal-familja kienet iġġorrhom l-attriċi waħedha minħabba li l-konvenut, a kuntrarju tal-attriċi, ma kellux impjieg, (iv) minħabba l-għajjat u l-ġlied ta' bejn il-partijiet, it-tifel tal-attriċi mar jgħix man-nanniet materni, u (v) l-konvenut kien joħroġ, jonfoq u jdum barra, mingħajr ma l-attriċi kienet tkun taf fejn imur u ma' min. Meta bdiet tifhem il-karattru u l-aġir tal-konvenut, l-attriċi tisħaq li ħadet lil konvenut għand il-psikologu Dr Etienne Muscat, li skontu l-konvenut kellu kundizzjoni u għaliha kellu bzonn kalmanti qawwija. Minħabba dawn il-kalmanti, l-konvenut kien jorqod ħafna. Minkejja l-għajnuna tas-sid tal-fond ta' Ħal-Lija, l-konvenut xorta ma kienx jagħmel sforz. Għaldaqstant bidlu r-residenza tagħhom u l-partijiet marru jgħixu f'post ġewwa Bormla.

Matul iz-zmien li l-partijiet għamlu jgħixu ġewwa Bormla, is-sitwazzjoni xorta waħda ma nbidlitx. L-attriċi tgħid illi l-attitudni tal-konvenut baqgħat dejjem l-istess fejn ma jagħmel xejn, joħroġ u jdum barra. Dan l-aġir da parti l-konvenut kompla jinstiga l-ġlied ta' bejn il-partijiet tant li kien jerfa' jdejh fuq l-attriċi u l-ġirien kienu konsapevoli ta' dak kollu li kien qiegħed jiġri fid-dar tal-partijiet. In vista ta' dan, l-attriċi għazlet li tieqaf taħdem izda l-flus li kienet tirċievi minn għand id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali ma kienux ikunu bizzejjed. L-attriċi tkompli tispjega li darba fost l-oħrajn hija pruvat titlaq mid-dar ta' Bormla wara li ħuha qalilha biex tagħmel dan hekk kif ra lit-tifel bit-tbenġil. Madanakolu meta l-konvenut ra x'kienet ser tipprova tagħmel l-attriċi huwa allegatament beda jgħajjat, ikisser, tant li qabad sikkina f'idejh. L-attriċi tgħid li wara dan l-episodju, l-attriċi marret

tgħix għand il-ġenituri tagħha u għamlet rapport ta' dan kollu l-Għassa tal-Pulizija, izda wara xi zmien waqqgħat il-kaz kontra zewġha għaliex kienet tibza' minnu.

Minkejja s-suespost, l-attriċi tkompli tgħid illi xorta kellha l-ħajra li tirranġa s-sitwazzjoni ta' bejnha u l-konvenut. Fil-fatt huma reġgħu spiċċaw jgħixu flimkien, u din id-darba sabu post iz-Zejtun. Madanakollu u għal darb' oħra, l-problemi ta' bejniethom reġgħu feġġew. Dak iz-zmien l-attriċi reġgħet bdiet taħdem izda bħala *carer*, filwaqt li l-konvenut ma kellux impjieg. Sabiex tipprova tfaddal il-flus bl-intiza li tixtri post għalihom it-tnejn, l-attriċi ddeċediet li jmorru jgħixu mal-familja tagħha u jitilqu miz-Zejtun. Matul il-perjodu li l-partijiet kienu qegħdin jgħixu għand il-ġenituri tal-attriċi, darba minnhom, il-konvenut pprova jbus lil oħt l-attriċi waqt li din tal-aħħar kienet għax-xogħol. Mill-ġdid l-attriċi spiċċat marret għand il-Pulizija u talbet lil konvenut jitlaq mid-dar tal-ġenituri tagħha.

Wara l-episodju surreferit, l-attriċi tiskopri li kienet tqila u b'hekk sabiex il-wild ma jitrabbiex mingħajr missier, hi ppruvat tkellem lil konvenut sabiex tirranġa s-sitwazzjoni ta' bejniethom. Għal darb' oħra, l-partijiet rranġaw u marru jgħixu flimkien f'dar ġewwa r-Rabat. Hawnhekk l-konvenut beda jaħdem fil-qasam tal-kisi u t-tibjid. Izda minkejja tentattiv ieħor, il-problemi reġgħu feġġew wara li twieled il-minuri. Il-konvenut reġa' beda jsawwat lil attriċi, fejn din tal-aħħar spiċċat tfittex l-għajnuna minn għand l-Aġenzija Appoġġ u damet xahar tgħix f'Dar Merħba Bik. Wara li l-partijiet ma baqgħux jgħixu taħt l-istess saqaf, l-attriċi pruvat tlaqqa' lil binha mal-konvenut. Fil-fatt l-attriċi tagħti rendikont illi darba u ċjoe' nhar it-30 ta' Settembru 2018, kienet iltaqgħat mal-konvenut fi ġnien sabiex jara lil minuri, izda l-konvenut spiċċa kien vjolenti magħha fejn l-attriċi sofriet minn ġrieħi ħfief f'wiċċha, liema inċident ġie rapportat lil Pulizija. Wara dan l-espisodju, l-attriċi qatt ma ltaqgħat iktar mal-konvenut u bdiet il-proċeduri għal separazzjoni personali.

Illi għajr għal verzjoni tal-attriċi skont l-affidavit tagħha, l-attriċi tipprezenta biss bħala provi sabiex tikkorrabora l-verzjoni tagħha, kopja tar-rapport lil Pulizija rigward l-inċident bejn il-partijiet fil-ġnien San Ġorġ Ħal-Qormi nhar it-30 ta' Settembru 2018, flimkien ma' ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tas-Saħħa Primarja tal-Furjana dwar il-ġrieħi ħfief li soffriet mill-imsemmi attakk.

*Verzjoni tal-Konvenut u l-Allegati Tortijiet tal-Attriċi*

Il-Qorti tirrileva li l-intimat huwa kontumaċi f'dawn il-proceduri u għalhekk, il-Qorti hija sprovvista mill-verzjoni tiegħu dwar il-fatti u l-mertu tal-kaz odjern.

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Kaz Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti u għaldaqstant tibda billi tagħmel referenza għall-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula:

***"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".***

Il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[3] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Hemm ġiurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[4] u **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi**,[5] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina*

[3]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[4]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.

[5]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

*imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li*"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[6] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[7] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[8]; *Skond l-istess Qorti* "*Is-swat, …, hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[9]

Wara li ġie stabbilit il-qafas legali, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tapplika l-prinċipji hawn fuq imsemmija għal kaz odjern. Il-Qorti wara li rat il-provi esebiti da parti l-attriċi ma tarax għaliex m'għandhiex tiddeċiedi li z-zwieġ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u konsegwentament tgħaddi sabiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom. Il-Qorti ħadet konjizzjoni ukoll tal-fatt illi l-partijiet fil-prezent ma jgħixux taħt l-istess saqaf u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom.

Il-Qorti tibda sabiex tirrileva fil-kaz odjern il-provi mresqa mill-attriċi huma verament ftit. L-affidavit tagħha, r-rapport mal-Pulizija u ċ-ċertifikat tad-Diviżjoni tas-Saħħa Primarja ma humiex bizzejjed sabiex l-Qorti ssib lil konvenut ħati għall-eċċessi, theddid u offizi gravi bħal vjolenza. Huwa

---

[6]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.

[7]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.

[8]**Genoveffa Magri vs. Joseph Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.

[9]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

minnu illi l-verzjoni tal-attriċi ma ġietx kontradetta mill-konvenut stante l-istat ta' kontumelja li jinsab fiha, madanakollu dan ma jfissirx li l-Qorti m'għandhiex tevalwa l-provi mresqa mill-attriċi nnifisha. Fil-fatt jiġi nutat illi minkejja l-episodji kollha msemmija mill-attriċi fl-affidavit tagħha, dawn ma ġewx minimament ippruvati permezz ta' xhieda ulterjuri jew dokumenti rigward l-istess. Fil-fatt il-Qorti kienet tistenna li l-attriċi, fost oħrajn, kellha tressaq: (i) il-familjari tagħha b'mod partikolari lil ħuha u oħtha sabiex jixhdu dwar it-tbenġil fuq it-tifel u l-episodju tal-bewsa rispettivament, (ii) lis-sid tad-dar ġewwa Ħal-Lija, sabiex jixhed dwar il-ħajja tal-partijiet sakemm damu jgħixu fil-fond tiegħu u kemm ipprova jgħin lil konvenut iqum fuq saqajh, (iii) lil psikologu Dr Etienne Muscat sabiex jixhed dwar il-kundizzjoni tal-konvenut, (iv) rapprezentanti tal-Aġenzija Appoġġ u Dar Merħba Bik, u (v) dawk ir-rapporti kollha li l-attriċi għamlet fil-konfront tal-konvenut meta qabad is-sikkina u pprova jbus lil oħtha. Għaldaqstant, anke jekk il-verzjoni tal-attriċi hija plawsibbli u ċjoe' li l-konvenut huwa aggressiv u vjolenti, f'dawn il-proċeduri kellha kull opportunita' li tħarrek bħala xhieda dawk surreferiti, sabiex jikkorrabboraw l-verzjoni attriċi rigward l-allegata vjolenza, theddid u eċċessi. B'hekk kif il-Qorti xorta waħda ma tistgħax teskludi b'mod assolut il-probabbilita' li tezisti li l-konvenut huwa persuna vjolenti u aggressiva, wisq anqas ma' l-Qorti tista' tiddeduċi jekk tali aggressjoni, *se mai*, kienetx att izolat u singolari jew wieħed ripettitiv u kostanti. Huwa proprju permezz ta' tali provi li l-Qorti setgħet tasal għal konvinċiment morali illi l-konvenut kien vjolenti, jhedded u jpoġġi l-ħajja tal-attriċi f'periklu imminenti.

Il-Qorti tkompli illi ħadet konjizzjoni tar-rapport tal-attriċi mal-Pulizija rigward meta l-konvenut kien vjolenti magħha fil-Ġnien San Ġorg ġewwa Ħal-Qormi nhar it-30 ta' Settembru 2018, tant li l-attriċi ġiet ċertifikata li sofriet minn ġrieħi ħfief. Jiġi sottolinejat li dan huwa l-uniku rapport li ġie pprezentat lil Qorti għal konsiderazzjoni tagħha. Mill-istess rapport jidher li dan l-episodju kien wieħed ta' rabja u tgħajjir. Kif ingħad iktar 'il fuq, għalkemm dan l-episodju partikolari jista' jiġi deskritt bħala wieħed mhux daqstant ċivili u feliċi, l-attriċi tonqos milli tiprovdi dawk il-provi li jikkonfermaw li l-konvenut huwa verament u <u>konistentament</u> raġel vjolenti. L-Qorti tirribadixxi illi minkejja li l-attriċi allegat li l-konvenut kemm-il darba refa' jdejh fuqha jew kien vjolenti magħha, hija naqset milli tipprova l-istess. Għaldaqstant il-Qorti tirrileva illi hekk kif l-attriċi prezentat rapport

tal-Pulizija rigward episodju wieħed partikolari, ma kien hemm xejn xi jwaqqaf lil attriċi milli tipprezenta dawk ir-rapporti l-oħra dwar episodji diversi li ġew msemmija fl-affidavit tagħha. In vista ta' dan u fin-nuqqas ta' provi sal-grad rikjest mil-liġi, dan l-episodju in kwistjoni li qed jiġi konstatat permezz ta' rapport, jista' biss jiġi kkunsidrat bħala att singolari u izolat. Għaldaqstant, il-Qorti ma tistgħax issib lil konvenut ħati ta' vjolenza u/jew inġurji gravi.

Minkejja s-suespost, il-Qorti tieħu ukoll konjizzjoni tal-fatt li ġialadarba l-verzjoni attriċi ma tinsabx kontradetta stante l-istat ta' kontumelja tal-konvenut, il-Qorti ma għandhiex ma temminx illi l-attriċi xorta waħda sfat vittma tal-konvenut. Il-Qorti tirribadixxi li kien ikun ferm iktar ideali li kieku l-konvenut pprovda l-verzjoni tiegħu u l-provi neċessarji sabiex jipprova l-kaz tiegħu, madanakollu l-konvenut għazel li dan ma jagħmlux. Madanakollu, il-Qorti tinsab moralment konvinta li dan iz-zwieġ tkisser minħabba l-attitudni tal-konvenut. Il-Qorti ma għandhiex ma temminx li l-konvenut huwa persuna egoista u għazzien, fejn fl-ewwel post jpoġġi lilu nnifsu u d-drawwiet ħziena li kellu fosthom it-tipjip u x-xalar, u wara fit-tieni post lil martu u ibnu. Il-Qorti tieħu rendikont illi li kieku l-konvenut ma kellux attitudni ħazina versu l-attriċi, dan kien jagħmel minn kollox sabiex jipprovdi lil Qorti bil-verzjoni vertiera. Mill-atti jirrizulta li l-konvenut lanqas biss ittenta jiġġustifika l-istat tiegħu ta' kontumaċja. B'din l-attitudni lejn is-sejħa tal-Qorti, il-Qorti ma tinsabx sorpriza li l-konvenut kien jagħmel l-istess u ipotetikament anke' agħar hekk lil attriċi. Dan indubjament ma jawgurax ħajja mizzewġa feliċi u jekk xejn issarraf fi tkissir taz-zwieġ b'mod irrimedjabbli.

Il-Qorti tinsab konvinta li bejn il-partijiet hemm nuqqas serju ta' kompatibbilita' fil-karattru li wassal għal moħqrija. Fin-nuqqas ta' provi hekk kif spjegat iktar 'il fuq, il-Qorti ssib il-konferma illi l-verzjoni attriċi għandha tingħata piz probatorju minħabba l-kliem mnizzel fir-rapport tal-Pulizija u ċjoe' *"il-kwerelanta ġiet mitkellma mis-social workers tal-agenzija appogg Marilyn Agius u Laura Privitelli fejn dawn assenjaw il-kaz bħala 'high risk' u kien għalhekk li ġiet infurmata l-Maġistrat tal-Għassa Doreen Clarke fejn min-naħa tagħha talbet sabiex kemm il-vittma u social workers jirrappurtaw ġewwa l-Għassa Zebbuġ sabiex jiġu mitkellma"*. Għaldaqstant u minkejja li l-attriċi ma resqitx dawk il-provi neċessarji għal Qorti sabiex tiddetermina jekk l-konvenut huwiex ħati ta' eċċessi, theddid

u offizi gravi, il-Qorti hija perswaza li r-rapport ta' bejn il-partijiet ma kienx wieħed kif mistenni izda kien wieħed pjuttost diffiċli u dan sforz in-nuqqas ta' kompatibbilita' fil-karattru. Il-Qorti temmen li meta l-partijiet izzewġu u ċjoe' ftit taz-zmien wara li saru jafu lil xulxin, huma ma kienux jafu lil xulxin sew. Għaldaqstant fil-fehma tal-Qorti huwa proprju għal tali raġuni li ftit tal-jiem wara z-zwieġ bdew jinqalgħu diversi problemi, liema problemi baqgħu jissussistu matul iz-zmien li għexu flimkien bħala familja, għaliex kien hemm diverġenzi fl-istil ta' ħajja u valuri, li konsegwenzjalment jsawru karattri differenti.

Għaldaqstant il-Qorti tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante moħqrija u li l-ħajja ta' bejn il-partijiet ma għandhiex iktar possibbli għaliex iz-zwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, b'dan illi l-ħtija ghat-tifrik taz-zwieġ hija imputabbli unikament lill-konvenut abbazi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili.

3. **Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:**

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' zewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 u 51 tal-Kodiċi Ċivili.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront tal-konvenut/a ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

L-Artikolu 48 jistipula:

"***(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;***[10]

[10] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara datastabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkunkunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' danil-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiz-zwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taz-zewġ partijiet skont l-artikolu 3;***

***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull kaz, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miz-zwieġ".***

L-Artikolu 51 jistipula:

***"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

L-Artikolu 52 jistipula:

***"Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ-ċirkostanzi, jekk id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' għemil li jagħti lok għall-firda."***

Fil-każ odjern, il-konvenut huwa ħati ta' moħqrija fil-konfront tal-attriċi. Fuq talba tal-attriċi sabiex tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 *et seq* iċċitati, il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont taċ-ċirkostanzi, l-inkompattibilita' tal-karattru ta' bejn il-partijiet u d-determinazzjoni tal-attriċi li tipprovdi għal familja, ser tgħaddi sabiex tuza d-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili u tilqa' t-talba attriċi billi tapplika s-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut.

**4. Il-Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment tal-Minuri:**

Miż-żwieġ ta' bejn il-partijiet twieled tifel wieħed u ċjoe' H B C, nhar it-13 ta' Settembru 2016.[11] Għaldaqstant fil-prezent, it-tifel għandu erba' (4) snin u huwa meqjus minorenni. Is-sitwazzjoni *pendente lite* fir-rigward tal-kura, kustodja, aċċess u manteniment tal-minuri, ma ġewx regolati bl-ebda digriet u dan stante li ma saret l-ebda talba f'dan ir-rigward. Il-Qorti tevalwa li fil-mori ta' din il-kawza ta' separazzjoni personali, l-attriċi pprezentat rikors wieħed biss li jirrigwarda l-minuri, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tawtorizzaha tirreġistra lil minuri fil-Kulleġġ San Injazju ġewwa Ħal-Qormi u dan mingħajr il-kunsens tal-konvenut, u talbet ukoll sabiex *pendente lite* tkun awtorizzata tieħu waħedha dawk id-deċizjonijiet rigward is-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri.[12] Minkejja li l-konvenut ġie debitament notifikat bir-rikors in kwistjoni, huwa għazel li ma jirrispondix u għaldaqstant il-Qorti għaddiet sabiex laqgħat it-talbiet tal-attriċi kif dedotti fir-rikors tagħha tat-13 ta' Settembru 2019, permezz ta' digriet datat 4 ta' Ottubru 2019.[13]

Għaldaqstant, fil-prezent il-kura u kustodja tinsab konġunta bejn il-partijiet, madanakollu l-attriċi għandha setgħa li *pendente lite* l-kawza odjerna tieħu dawk id-deċizjonijiet waħedha rigward is-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri. L-aħħar aċċess mill-missier għall-minuri sar fit-30 ta' Settembru 2018, u ebda manteniment ma qiegħed jingħata għal minuri.

*<u>Il-Kura u Kustodja tal-Minuri:</u>*

Fil-fehma tal-attriċi, il-kura u kustodja tal-minuri għandha tiġi fdata b'mod esklussiv f'idejha u dan stante li l-konvenut qatt ma ttenta jieħu ħsiebu, jarah jew jmantnih. Skont l-attriċi, l-konvenut huwa bniedem aggressiv u ta' demmu spont, u b'hekk ma tħossx li fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju li l-minuri jiġi fdat ma' missieru.

Minn dejjem kien ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli** intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-*

[11] Fol. 7.
[12] Fol. 13.
[13] Fol. 23.

*ġiurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*[14]

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless**, il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli"*.[15]

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Jannar 1956 u **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-27 ta' Novembru 2003, illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…"*

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinċipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances Farrugia vs. Duncan Caruana,** deċiza minn din il-Qorti nhar il-31 ta' Mejju 2017 u **Marlon Grech vs.**

[14] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.
[15] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

**Charlene Banks,** deċiza minn din il-Qorti nhar il-15 ta' Ġunju 2017, ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna"*.

Illi wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u kif ukoll tal-provi tal-attriċi, il-Qorti tirrileva li m'għandhiex ma temminx l-verzjoni attriċi meta l-konvenut kellu kull opportunita' li jwieġeb u jiddefendi l-pozizzjoni tiegħu, *se mai*, rigward il-kwistjonijiet li jaffettwaw it-trobbija tal-minuri. Għal Qorti, dan l-aġir huwa wieħed li jirrispekja disinteress u nuqqas ta' volonta' li wieħed jinvolvi ruħu b'mod adegwat fit-trobbija ta' ibnu stess. Għaldaqstant il-Qorti ma għandhiex lok sabiex tiddubita li l-minuri daħal f'rutina ta' ħajja fejn il-missier ma huwiex prezenti. Il-Qorti bl-ebda mod ma tfaħħar, tiġġustifika jew taqbel ma' dan il-*modus vivendi*, anzi bil-wisq tikkundannah u tiddeplorah għaliex kull ġenitur għandu l-obbligu li jieħu ħsieb, jeduka, jmantni u jipproteġi lil uliedu stess. Ma huwiex xi unur li wieħed jaħrab mir-responsabbiltajiet tiegħu u jfarfar l-obbligi tiegħu ta' ġenitur fuq il-ġenitur l-ieħor filwaqt li kappriċċozament jagħmel tabirruħu li m'għandux ulied.

Minkejja l-premess u sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-minuri, il-Qorti hija tal-fehma illi fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju illi l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attriċi, b'dana illi l-minuri jkompli jgħix mal-attriċi u l-istess attriċi tkompli tieħu waħedha u mingħajr l-ebda kunsens tal-konvenut dawk id-deċizjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri, u ċjoe' dawk id-deċizjonijiet ordinarji u kif ukoll dawk ta' natura iktar importanti, inkluz dawk ta' saħħa, edukazzjoni u safar. Magħdud ma' dan u fir-rigward tal-applikazzjoni għal ħruġ u tiġdid tal-passaport tal-minuri, dan għandu jsir mill-attriċi waħedha mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens u/jew firma tal-konvenut, fejn konsegwentament l-imsemmi passaport maħruġ fuq isem il-minuri għandu jinzamm fil-pussess tal-attriċi.

*<u>Aċċess għal Minuri:</u>*

Il-Qorti tinnota li l-aħħar aċċess li l-minuri kellu ma' missieru kien nhar it-30 ta' Settembru 2018 u meta dan kellu biss sentejn. Għaldaqstant, fil-

prezent il-minuri mhux qed ikollu aċċess jew kuntatt ma' missieru, tenut kont tal-fatt li l-konvenut mhux qed juri interess lejn ibnu.

Mill-affidavit tal-attriċi jiġi rilevat illi l-attriċi *"ma nixtieqx li E jkollu aċċess għall-ibnu ħlief taħt is-supervizjoni, jekk ikun il-kaz li jitlob li jkollu aċċess"*. Il-Qorti tirribadixxi illi minkejja li l-konvenut mhux qed jagħmel kuntatt ma' ibnu, separazzjoni ta' zewġ adulti m'għandhiex titfa' pressjoni fuq l-ulied jew tinfluwenzahom b'tali mod illi jkunu parzjali lejn wieħed jew waħda mill-partijiet. Il-minuri għandhom id-dritt li jgawdu kemm lil ommhom u kif ukoll lil missierhom, u m'għandhomx jiġu mċaħda minnhom jekk mhux abbazi struzzjoni professjonali. Mir-rapport tal-Pulizija ezebit mill-attriċi rigward l-inċident tat-30 ta' Settembru 2018, ġie kkomunikat mis-*social workers* tal-Aġenzija Appoġġ illi l-kaz in kwistjoni huwa *'high risk'*. Madanakollu, illum il-ġurnata għadda perjodu ta' sentejn minn tali episodju u b'hekk il-Qorti m'għandhiex għarfien jekk il-kaz għandux jkompli jitqies bħala *'high risk'* jew le. Lanqas ma tresqu quddiem din il-Qorti provi ta' kif iprosegwa l-kaz quddiem il-Qorti Kriminali u x'kien l-ezitu tal-istess.

Fin-nuqqas ta' provi u tenut kont tal-opinjoni tal-attriċi, il-Qorti mhux sejra tistenna lil konvenut jagħmel dak il-pass sabiex ikollu kuntatt ma' ibnu għaliex huwa ben ċar li l-konvenut huwa bniedem passiv. Indubjament il-Qorti mhux sejra ċċaħħad lil minuri mill-possibilita' li jsir jaf lil missieru, anke' jekk jista' jagħti l-kaz li tali possibilita' ma tisfruttax skont l-intendiment tal-Qorti. Għaldaqstant, il-Qorti tinsab konvinta li fl-aħjar interess tal-minuri, l-konvenut jista' jkollu aċċess ma' ibnu taħt is-supervizjoni tal-Aġenzija Appoġġ, liema aċċess għandu jibda jkun ta' darba fil-ġimgħa ta' siegħa kull darba ġewwa l-Aġenzija Appoġġ stess. Id-data u l-ħin tal-aċċess għandha tiġi magħzula mis-*social worker* li ser tkun qiegħda tagħmel is-supervizjoni matul l-aċċess, u dan bi qbil mal-partijiet. F'kaz li wara tlett (3) tentattivi konsekuttivi da parti l-Aġenzija Appoġġ sabiex isir dan l-aċċess kif ordnat minn din il-Qorti, il-konvenut ma jikkomunikax, ma jikkollaborax, jew addirittura ma jiġix għall-aċċess, dan l-aċċess għandu jieqaf immedjatament sabiex ma tkomplix issir ħsara lil minuri. Min-naħa l-oħra, f'kaz li l-konvenut juri interess u dejjem ikun prezenti għall-aċċess, is-*social worker* għandha tevalwa kif l-istess aċċess jista' jiġi modifikat sabiex il-konvenut u l-minuri jkollhom iktar ħin disponibbli għal xulxin, liema modifikazzjoni għandha *in primis* tiġi

prezentata lil din il-Qorti għall-awtorizzazzjoni tagħha qabel ma tiġi segwita.

<u>*Manteniment għal Minuri:*</u>

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħduħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-każijiet ta' *pendente lite*. B'hekk l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-ħajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".***

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

Mill-provi mresqa, l-Qorti tevalwa li ma jiġix stabbilit x'inhu l-aħħar impjieg taz-zewġ partijiet u l-introjtu tagħhom. Fl-affidavit tal-attriċi jingħad illi meta l-partijiet marru jgħixu flimkien ġewwa r-Rabat u dan wara li skopriet li kienet ħarġet tqila bil-minuri, l-konvenut kien sab xogħol fil-kisi u t-tibjid, filwaqt li l-attriċi kienet qiegħda taħdem mac-*Child Development Assessment Unit* (CDAU). Dawn kienu l-aħħar zewġ impjiegi li jissemgħu fil-mori ta' din il-kawza. Madanakollu l-attriċi ma tagħtix rendikont ta' kemm hu l-introjtu mensili tagħha u tal-konvenut.

In vista tas-suespost, il-Qorti tordna lil konvenut u dan ġialadarba l-minuri ser ikompli jabita mal-omm, iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull erba' ġimgħat għal H B C, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Bl-applikazzjoni

tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal H B C sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħzel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm dak il-wild jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri. Jekk il-minuri jagħlaq tmintax-il sena iżda jkun taħt it-23 sena u jistudja fuq bażi "full time" u jagħżel li jmur jgħix għal rasu, il-manteniment għandu jitħallas direttament lilu.

**5. Manteniment għall-Attriċi:**

Permezz tar-rikors ġuramentat l-attriċi talbet manteniment għaliha. Wara li ġew kkunsidrati l-atti ta' din il-kawza u l-konsiderazzjonijiet tal-Qorti dwar it-tifrik taz-zwieġ ta' bejn il-partijiet, il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju l-attriċi m'għandhiex tkun intitolata għall-manteniment minn għand l-konvenut u dan għas-segwenti raġunijiet.

Mill-atti proċesswali jirrizulta li l-attriċi kwazi dejjem ħadmet, għajr għal ftit zmien fejn kienet qiegħda tipperċepixxi minn xi għajnuna jew benefiċċju minn għand id-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. Madanakollu l-attriċi qatt ma pprovdiet lil Qorti b'rendikont tal-introjtu tagħha. Min-naħa l-oħra, l-konvenut ġie allegat li qatt ma kellu impjieg, izda lejn it-tmiem tar-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kien sab xogħol ta' tikħil u tibjid. Il-Qorti ma hijiex konsapevoli jekk l-konvenut għadux jaħdem l-istess xogħol, jekk huwiex impjegat jew jaħdem għal rasu, jew tabilħaqq jipperċepixxi minn xi għajnuna mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tieħu in konsiderazzjoni illi l-attriċi ħadmet għal zmien twil sabiex tkun tista' tgħajjex lilha nnifisha, lil uliedha u kif ukoll lil zewġha. Madanakollu, l-attriċi fl-ebda waqt matul din il-kawza ma ddikjarat li ma tinsabx f'pozizzjoni li taħdem sabiex tgħajjex lilha nnifisha.

Għaldaqstant u tenut kont tan-nuqqas ta' provi dwar id-dħul tal-attriċi, dwar id-dħul tal-konvenut, u kif ukoll dwar il-kapaċita' tal-attriċi li fil-prezent

tista' tkompli tgħajjex lilha nnifisha, il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju l-attriċi m'għandhiex tkun intitolata għall-manteniment minn għand il-konvenut. Madanakollu u fl-istess waqt, il-Qorti tikkonferma illi nonostante li fil-prezent l-attriċi m'għandhiex tipperċepixxi manteniment minn għand il-konvenut, din xorta waħda ma tilfitx id-dritt illi titlob u/jew tirċievi manteniment mingħand il-konvenut fil-futur minħabba tibdil fil-mezzi u/jew ċirkostanzi.

## 6. It-Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti:

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet izzewġu nhar is-27 ta' Mejju 2011, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*It-Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-prezenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum ezistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u d-Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Il-Qorti tinnota li f'dan ir-rigward ma hemm xejn provi u dan stante li fiz-zwieġ ma jidhirx li saru investimenti jew transazzjonijiet ta' xiri jew bejgħ ta' proprjeta'. Fir-rigward ta' vetturi, il-Qorti tinnota li l-attriċi tallega li kienu xtraw karozza bejniethom b'valur ta' €8,000, fejn tħalset prinċiparjament mill-attriċi filwaqt li l-konvenut kien ikkontribwixxa xi ħaġa zgħira. Din il-karozza dejjem baqgħat fil-pussess tal-konvenut, tant li jiġi allegat li karozza sfat imfarka u mkissrha mill-konvenut stess. Dwar ix-xiri tal-karozza, l-valur tal-karozza, l-kundizzjoni tal-karozza u fejn tinsab ma nġabet l-ebda prova, u b'hekk il-Qorti ma tistgħax tordna li l-attriċi tiġi restitwita nofs il-valur tal-istess karozza.

Lanqas ma' tista' l-Qorti tordna lil konvenut jħallas lura lill-attriċi s-somma ta' €500 li allegatament kienet selfitu u dan in vista tan-nuqqas ta' provi

dwar l-allegat self. L-attriċi tallega li tali somma ġiet mislufa lil konvenut wara li kien talabha tgħinu biex iħallas il-kera waqt perjodu li kienu qegħdin jgħixu separati minn xulxin. Fin-nuqqas ta' prova, l-Qorti ma tista' tagħmel xejn. *Dato ma non concesso* li l-attriċi selfet tali somma lil konvenut, din kellha tkun konsapevoli bizzejjed li ma tarmix flusha fuq persuna li allegatament hija għazziena, izda terfa' u ssor għal uliedha. Jekk tal-inqas tħassret lil konvenut, ma kien hemm xejn xi jwaqqafha milli tittutela d-drittijiet tagħha billi tagħmel forma ta' skrittura dwar l-istess self u dan tenut kont li l-partijiet ma kienux qegħdin jgħixu flimkien.

## 7. Beni Parafernali:

Minkejja li fir-rikors ġuramentat, l-attriċi titlob li tiġi restitwita dawk l-assi parafernali tagħha, fl-affidavit tagħha din tissottometti li la hi u lanqas il-konvenut m'għandhom l-ebda assi parafernali. Għaldaqstant il-Qorti sejra tiċħad tali talba.

## DEĊIDE:

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet b'dana illi tattribwixxi l-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ unikament lil konvenut minħabba moħqrija stante imkompattibilita' ta' karattru, u dan ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili;

2. Tilqa' it-tieni, it-tmien, id-disa', l-għaxar, u l-ħdax-il talba attriċi, u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri tiġi fdata b'mod esklussiv f'idejn l-attriċi, b'dana illi l-minuri jkompli jgħix mal-attriċi u l-istess attriċi tkompli tieħu waħedha u mingħajr l-ebda kunsens tal-konvenut dawk id-deċizjonijiet kollha li jirrigwardaw il-minuri, u ċjoe' dawk id-deċizjonijiet ordinarji u kif ukoll dawk ta' natura iktar importanti, inkluz dawk ta' saħħa, edukazzjoni u safar. Magħdud ma' dan u fir-rigward tal-applikazzjoni għal ħruġ u tiġdid tal-passaport tal-minuri,

dan għandu jsir mill-attriċi waħedha mingħajr ebda awtorizzazzjoni, kunsens u/jew firma tal-konvenut, fejn konsegwentament l-imsemmi passaport maħruġ fuq isem il-minuri għandu jinzamm fil-pussess tal-attriċi;

3. Tilqa' it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' talba, u tordna lil konvenut u dan ġialadarba l-minuri ser ikompli jabita mal-omm, iħallas lil attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull erba' ġimgħat għal H B C, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal H B C sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħzel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm dak il-wild jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri, jekk il-minuri jagħżel li jmur jgħix għal rasu wara li jagħlaq it-18-il sena, il-manteniment jitħallas direttament lilu.

4. Tilqa' it-tnax-il talba u tordna li l-konvenut jista' jkollu aċċess ma' ibnu taħt is-supervizjoni tal-Aġenzija Appoġġ, liema aċċess għandu jibda jkun ta' darba fil-ġimgħa ta' siegħa kull darba ġewwa l-Aġenzija Appoġġ stess. Id-data u l-ħin tal-aċċess għandha tiġi magħzula mis-*social worker* li ser tkun qiegħda tagħmel is-supervizjoni matul l-aċċess, u dan bi qbil mal-partijiet. F'kaz li wara tlett (3) tentattivi konsekuttivi da parti l-Aġenzija Appoġġ sabiex isir dan l-aċċess kif ordnat minn din il-Qorti, il-konvenut ma jikkomunikax, ma jikkollaborax, jew addirittura ma jiġix għall-aċċess, dan l-aċċess għandu jieqaf immedjatament sabiex ma tkomplix issir ħsara lil minuri. Min-naħa l-oħra, f'kaz li l-konvenut juri interess u dejjem ikun prezenti għall-aċċess, is-*social worker* għandha tevalwa kif l-istess

aċċess jista' jiġi modifikat sabiex il-konvenut u l-minuri jkollhom iktar ħin disponibbli għal xulxin, liema modifikazzjoni għandha *in primis* tiġi prezentata lil din il-Qorti għall-awtorizzazzjoni tagħha qabel ma tiġi segwita;

5. Tilqa' it-tlettax u l-erbatax-il talba attriċi, u tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha ikkontemplati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili u tipprosegwi billi tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment minn għand l-attriċi;

6. Tilqa' il-ħmistax-il talba attriċi u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet, b'dana illi d-divizjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tas-sitt (6) parti ta' din is-sentenza u ċjoe' *'It-Terminazzjoni u d-Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'*;

7. Tiċħad is-sittax-il talba attriċi u tiddikjara li f'dan l-istadju l-attriċi m'għandhiex tkun intitolata għall-manteniment minn għand il-konvenut, izda tkompli tikkonferma illi nonostante li fil-prezent l-attriċi m'għandhiex tipperċepixxi manteniment minn għand il-konvenut, din xorta waħda ma tilfitx id-dritt illi titlob u/jew tirċievi manteniment mingħand il-konvenut fil-futur minħabba tibdil fil-mezzi u/jew ċirkostanzi.

8. Tiċħad is-sbatax-il talba attriċi rigward il-beni u krediti parafernali u dotali peress li ma ġietx ippruvata;

9. Tiċħad it-tmintax-il talba attriċi li ma ġietx ippruvata.

Spejjez kollha għandhom ikunu sapportati mill-konvenut.